# Terminoloġija

Moderatur: DWAYNE ELLUL
Rapportatriċi: KIRSTY AZZOPARDI

**Punti diskussi**

- Waħda mill-isfidi ewlenin li ssemmew hija n-nuqqas ta' riżorsi, b'mod speċjali dawk umani. Ġieli wkoll ma tingħatax l-approvazzjoni biex xogħol ta' traduzzjoni jsir minn persuni esterni. Apparti dan, in-nuqqas ta' ċekkjatur tal-Malti jkompli jxekkel lil min fuq xogħlu jinqeda bil-Malti.
- Ċerti termini jsibu reżistenza. Ngħidu aħna, l-ekwivalenti tat-terminu finanzjarju "hedging" huwa "iħħeġġjar". Tqajjem il-punt li terminu bħal dan hawn min jarah ikrah u minħabba f'hekk jibqa' jintuża t-terminu bl-Ingliż.
- Fil-passat spiss konna nirrikorru għat-Taljan biex nippruvaw insolvu kwistjoni terminoloġika. Illum il-ġurnata din la hija prassi ġenerali u lanqas hija prattika, ladarba mhux kulħadd jifhem it-Taljan.
- Ċerti termini ndraw bl-Ingliż u għalhekk għandhom jitħallew bl-Ingliż. Pereżempju, ladarba l-mastrudaxxa juża "jigsaw", għandna nużaw dan it-terminu u mhux nippruvaw nisfurzaw terminu ieħor.

**Prattiċi tajbin**

- Fis-sessjoni ssemmew xi riżorsi li jistgħu jkunu utli, ngħidu aħna s-sit tal-IATE, fejn wieħed jista' jfittex terminu b'lingwa (il-lingwa sors) u jara jekk ikunx diġà hemm terminu ekwivalenti fil-lingwa mira.
- Apparti l-IATE ssemma wkoll is-sit malti.mt, li mhux biss fih lista ta' pubblikazzjonijiet terminoloġiċi marbutin ma' oqsma partikolari, imma jinkludi wkoll ħażna ta' glossarji.
- Xogħol marbut mat-terminoloġija jinsab ukoll fil-ħarġiet supplimentari ta' *l-aċċent*; fost l-oħrajn hemm ħarġiet iffukati fuq l-ismijiet tal-postijiet u fuq il-kimika. Apparti r-riżorsi aċċessibbli online, tajjeb inżommu f'moħħna li d-dizzjunarji huma riżorsa imprezzabbli. Dan jgħodd sija għad-dizzjunarju tal-Prof. Ġużè Aquilina u sija għall-għadd ta' dizzjunarji speċjalizzati li hawn, bħalma huma d-*Dictionary for Financial Services* u l-*English-Maltese Dictionary of Pharmaceutical and Medical Terms*.
- Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għandu fi ħdanu l-Kumitat tat-Terminoloġija. Dak li jkun jista' jagħmel kuntatt mal-Kunsill tal-Malti biex permezz ta' dan is-sottokumitat jiddiskuti xi kwistjonijiet terminoloġiċi li jiġi wiċċ imb wiċċ magħhom f'xogħlu.
- Kien hemm min issuġġerixxa li f'kull dipartiment għandu jkun hemm espert lingwistiku li jassisti lill-ħaddiema fi kwistjonijiet marbutin mal-lingwa. Suġġeriment ieħor kien li l-gvern għandu jkollu dipartiment ċentrali għat-traduzzjoni bil-għan li jkun hawn servizz ta' traduzzjoni ċentralizzat li joffri s-servizzi tiegħu lid-dipartimenti kollha tal-gvern. Issemma l-eżempju tal-Irlanda fejn hemm ir-*Rannóg an Aistriúcháin* li taqdi lill-Houses of the Oireachtas.